

II

(Atti mhux legiżlatti)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 878/2011

tat-2 ta' Settembru 2011

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/273/PESK tad-9 ta' Mejju 2011 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni kontra s-Sirja ⁽¹⁾, adottata skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Mejju 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ⁽²⁾.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/522/PESK tat-2 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK ⁽³⁾ tipprovdi għall-adozzjoni ta' miżuri ulterjuri inkluża projbizzjoni fuq ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport mis-Sirja ta' żejt mhux raffinat u prodotti petroliferi, u l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi lil persuni u entitajiet oħra li jibbenefikaw mir-reġim, jew jappoġġjawh. Il-persuni, entitajiet u korpi addizzjonali li għalihom japplika l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi huma elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Uħud minn dawk il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, għalhekk, b'mod partikolari bil-għan li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-UE għall-implimentazzjoni tagħhom.

(4) Ġiet effettwata sospensjoni parzjali tal-Ftehim ta' Koperazzjoni mas-Sirja ⁽⁴⁾ permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/523/UE tat-2 ta' Settembru 2011 ⁽⁵⁾.

(5) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament irid jidħol fis-seħħ minnufih.

(6) Għandu jiġi ċċarat li l-fatt li jiġu ppreżentati u li jintbagħtu d-dokumenti neċessarji lil xi bank għall-fini tat-trasferiment finali tagħhom lil xi persuna, entità jew korp li mhumiex elenkati, sabiex isiru ħlasijiet li jkunu permessi skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, ma jikkostitwixxix it-tqegħid tal-fondi għad-dispożizzjoni fis-sens tal-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

“(g) ‘assigurazzjoni’ tfisser impriża jew impenn li bih persuna fiżika jew ġuridika waħda jew aktar ikunu obbligati, bi ħlas, biex jipprovdu lil persuna waħda oħra jew aktar, fil-każ ta' materjalizzazzjoni ta' riskju, b'indennità jew benefiċċju kif determinat mill-impriża jew l-impenn;

(h) ‘riassigurazzjoni’ tfisser l-attività li tikkonsisti fl-aċċettar ta' riskji ċeduti minn impriża tal-assigurazzjoni jew minn impriża tar-riassigurazzjoni oħra jew, fil-każ tal-assoċjazzjoni ta' sottokritturi magħrufa bħala Lloyd's, l-attività li tikkonsisti fl-aċċettar ta' riskji ċeduti minn xi membru tal-Lloyd's, minn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għajr l-assoċjazzjoni ta' sottokritturi magħrufa bħala Lloyd's;

(i) ‘prodotti taż-żejt’ tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness IV.”.

⁽¹⁾ ĠU L 121, 10.5.2011, p. 11.⁽²⁾ ĠU L 121, 10.5.2011, p. 1.⁽³⁾ Ara l-paġna 16 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.⁽⁴⁾ ĠU L 269, 27.9.1978, p. 2.⁽⁵⁾ Ara l-paġna 19 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(2) Jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

“Artikolu 3a

Għandhom jiġi pprojbiti:

(a) l-importazzjoni ta' żejt mhux raffinat jew ta' prodotti petroliferi lejn l-Unjoni jekk

(i) ikunu joriġinaw fis-Sirja; jew

(ii) ikunu ġew esportati mis-Sirja;

(b) ix-xiri ta' żejt mhux raffinat jew ta' prodotti petroliferi li jinsabu fis-Sirja jew li joriġinaw fiha;

(ċ) it-trasport taż-żejt mhux raffinat jew tal-prodotti petroliferi jekk dawn ikunu joriġinaw mis-Sirja, jew ikunu qed jiġu esportati mis-Sirja lejn kwalunkwe pajjiż ieħor;

(d) il-forniment, dirett jew indirett, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja, inklużi derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-projbizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c); u

(e) il-parteċipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, fattivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom huwa, li direttament jew indirettament, jevitaw il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b), (c) jew (d).

Artikolu 3b

Il-projbizzjonijiet tal-Artikolu 3a ma għandhomx japplikaw għal:

(a) l-eżekuzzjoni, nhar jew qabel il-15 ta' Novembru 2011, ta' obbligu li joħroġ minn kuntratt konkluż qabel it-2 ta' Settembru 2011, sakemm il-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp li jkunu jridu jwettqu l-obbligu kkonċernat jinnotifikaw, tal-anqas 3 ijiem tax-xogħol bil-quddiem, l-attività jew tranżazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti, kif identifikat fil-websajts elenkati fl-Anness III; jew

(b) ix-xiri ta' żejt mhux raffinat jew ta' prodotti petroliferi li kienu ġew esportati mis-Sirja qabel it-2 ta' Settembru 2011, jew, fejn l-esportazzjoni saret skont il-punt (a) fil-15 ta' Novembru 2011 jew qabel.”

(3) L-Artikolu 5(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Anness II għandu jikkonsisti f'lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li, f'konformità mal-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 2011/273/PESK, ikunu ġew identifikati mill-Kunsill bħala persuni responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, persuni jew entitajiet li jibbenefikaw mir-reġim jew jappoġġjawh, jew persuni u entitajiet assoċjati magħhom.”

(4) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) Fl-ewwel paragrafu, il-punti (c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(c) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' tariffi jew imposti ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni regolari ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinari, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti rilevanti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mill-inqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni r-raġunijiet li għalihom hi kkunsidrat li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika;”.

(b) Fl-ewwel paragrafu jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“(e) maħsuba sabiex jitħallsu fi jew minn kont ta' missjoni diplomatika jew konsulari jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet skont il-liġi internazzjonali, safejn dawn il-pagamenti jkunu maħsuba biex jintużaw għal skopijiet uffiċjali ta' missjoni diplomatika jew konsulari jew ta' organizzazzjoni internazzjonali; jew

(f) meħtieġa għal raġunijiet umanitarji, bħall-forniment u l-iffaċilitar tal-forniment ta' għajjnuna umanitarja, il-forniment ta' materjali u provvisti meħtieġa għal ħtiġijiet ċivili essenzjali, inklużi ikel u materjali agrikoli għall-produzzjoni tiegħu, prodotti medikali, jew għal evakwazzjonijiet mis-Sirja.”

(ċ) It-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni li tingħata taħt dan l-Artikolu fi żmien erba' ġimgħat wara l-awtorizzazzjoni.”.

(5) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 10a

L-ebda pretensjonijiet, inkluż għal kumpens jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal tpaċija jew pretensjoni taħt garanzija, f'konnessjoni ma' xi kuntratt jew tranżazzjoni li t-tweġiq tagħhom ġie affettwat, direttament jew indirettament, totalment jew parzjalment, mill-miżuri imposti minn dan ir-Regolament, ma għandhom jingħataw lill-Gvern tas-Sirja, jew lil kwalunkwe persuna jew entità li tressaq pretensjoni permezz tiegħu jew għall-benefiċċju tiegħu.”.

Artikolu 2

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 442/2011 huwa b'dan emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament

Artikolu 3

L-Anness II ta' dan ir-Regolament huwa b'dan miżjud bħala l-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 442/2011.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

M. DOWGIELEWICZ

ANNEX I

A. Persuni

	Isem	Informazzjoni identifikattiva (data tat-twelid, post tat-twelid...)	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Fares CHEHABI		President tal-Kamra tal-Kummerċ u tal-industrija ta' Alep. Jappoġġa ekonomikament lir-reġim Sirjan.	2.09.2011
2.	Emad GHRAIWATI		President tal-Kamra tal-Industrija ta' Damasku (Zuhair Ghraiwati Sons). Jappoġġa ekonomikament lir-reġim Sirjan.	2.09.2011
3.	Tarif AKHRAS		Fundatur tal-Akhras Group (prodotti, kummerċ, ipproċessar u loġistika), Homs. Jappoġġa ekonomikament lir-reġim Sirjan.	2.09.2011
4.	Issam ANBOUBA		President ta' Issam Anbouba Est. għall-agro-industrija. Jappoġġa ekonomikament lir-reġim Sirjan.	2.09.2011

B. Entitajiet

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Mada Transport	Sussidjarja tal-Holding Cham (Sehanya daraa Highway, P.O. Box 9525, tel: 00 963 11 99 62)	Entità ekonomika li tiffinanzja r-reġim.	2.09.2011
2.	Cham Investment Group	Sussidjarja tal-Holding Cham (Sehanya daraa Highway, P.O. Box 9525, tel: 00 963 11 99 62)	Entità ekonomika li tiffinanzja r-reġim.	2.09.2011
3.	Real Estate Bank	Insurance Bldg- Yousef Al-azmeh sqr. Damascus P.O. Box: 2337 Damascus Syrian Arab Republic tel: (+963) 11 2456777 u 2218602 Fax: (+963) 11 2237938 u 2211186 Posta elettronika tal-Bank: Publicrelations@reb.sy, Website: www.reb.sy	Bank proprjetà tal-gvern li jipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim.	2.09.2011

ANNEX II

“ANNEX IV

Lista ta' prodotti taż-żejt u Kodiċi HS

Kodiċi HS	Deskrizzjoni
2709 00	Żjut tal-petroleum u żjut ottenuti minn minerali bituminużi, mhux raffinati:
2710	Żjut tal-petroleum u żjut miksuba minn minerali bituminużi, għajr dawk mhux raffinati; preparazzjonijiet mhux speċifikati jew inklużi xi imkien ieħor, li skont il-piż ikunu 70 % jew aktar żjut tal-petroleum jew żjut miksuba minn minerali bituminużi, fejn dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparazzjonijiet; skart taż-żjut:
2711	Gassijiet taż-żejt u idrokarburi gassużi oħra:
2712	Vażelina; xema' tal-paraffina, xema' mikrokristallina taż-żejt, xema' nofsa raffinata b'kontenut ta' żejt għoli (slack wax), ożokerit, ix-xema' tal-linjite, ix-xema' tal-pit, xemgħat oħra minerali u prodotti simili miksuba permezz ta' sinteżi jew permezz ta' proċessi oħrajn kemm jekk ikkuluriti kif ukoll jekk mhumix:
2713	Kokk taż-żejt minerali (petroleum), qatran taż-żejt minerali (petroleum) u fdalijiet oħrajn ta' żjut minerali (petroleum) jew ta' żjut miksubin minn minerali bituminużi:
2714	Qatran u asfalt, naturali; “shale” tal-qatran jew taż-żejt u ramel taż-żift; asfaltiti u blat tal-asfalt:
2715 00 00	Taħlitiet bituminiżi bbażati fuq l-asfalt naturali, il-bitumen naturali, il-bitumen tal-petroleum, il-qatran minerali jew iż-żift tal-qatran minerali (pereżempju mastiċi bituminużi, bitum miżjud b'żejt irqiq)”.